## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 251/2021: **AEGIS CORPORATE SERVICES LIMITED (C57029) V. VIRGINIA FIGONE (PASSAPORT NRU. AA5207937) U B'DIGRIET TAL-QORTI DATAT 27 TA' ĠUNJU 2022 INĦATAR DR. JOSEPH P. BONNICI BĦALA KURATUR DEPUTAT SABIEX JIRRAPPREŻENTA LILL-ASSENTI VIRGINIA FIGONE**
(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**13 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Aegis Corporate Services Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") intavolat fid-9 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet lil Virginia Figone ("l-intimata"):

> u tghid il-ghaliex m'ghandekx tkun kkundannata thallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tmien telef erba' mija u erba' u ghoxrin Ewro (€8,424.00) rappreżentanti l-bilanċ ta' pagamenti dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimata a bażi tal-fattura numru 153/2017 datata it-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017); fattura numru 181/2018 datata l-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018); fattura numru 323/2018 datata d-disa' u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018); u fattura numru 271/2020 datata l-wieħed (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), hawn annessi u mmarkati bħala Dok A sa Dok D rispettivament. Dan l-ammont huwa dovut lis-soċjeta' rikorrenti bħala pagament għal *corporate services* u *company administration* provduti mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimata.

Salv proveddimenti ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhirilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li tibqa' minn issa ngunta għas-subizzjoni.

wara li rat illi b'digriet tas-6 ta' Mejju 2022 din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-intimata assenti bil-ħruġ tal-bandi u li b'digriet tas-27 ta' Ġunju 2022[1] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr. Joseph P. Bonnici għal dan il-għan ("il-kuratur deputat intimat"),

wara li rat ir-risposta tal-kuratur deputat intimat tas-7 ta' Ottubru 2022[2] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

1. Illi in linea preliminari is-Societa Attrici trid tipprova li ghamlet in-notifika tal-intimata residenti l-Italja ai termini tal-Ligi
2. Illi minghajr prejudizju ghas-suesspost l-esponent mhux edott mil-fatti u jirreserva minn issa li jipprezenta risposta ulterjuri skont il-kas mill-informazzjoni li tkun disponibbli.
3. Illi is-Societa rikorrenti trid tipprova li irrendiet l-allegati servizi fuq inkarigu specifiku tal-istess intimata u li ma kienx hemm oggezzjoni da parte taghha.
4. Illi l-istess societa rikorrenti trid tipprova li tablet il-hlas tal-allegati servizzi minnha prestati skont il-ftehim vigenti bejn il-partijiet.
5. Salv risposti ulterjuri

wara li rat l-affidavit ippreżentat mir-rikorrenti[3] u l-atti kollha proċesswali inkluż in-nota tal-kuratur deputat intimat ippreżentata fit-8 ta' Frar 2023,

wara li rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023 il-kawża tħalliet għas-sentenza,

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 16
[2] Fol 36
[3] Fol 40-41

**Sentenza**

1. Fl-affidavit tiegħu ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2022[4], l-Avukat Dr. Cedric Mifsud bħala wieħed mid-diretturi tal-kumpanija rikorrenti xehed illi l-intimata inkarigat lir-rikorrenti sabiex tipprovdilha servizzi ta' *corporate services* u *company administration* inizjalment bejn 2016 u 2021. Is-servizzi li ġew provduti lilha u li għadhom ma' tħallsux jikkonsistu f'kontijiet dwar tfassil u preżentata tal-*annual returns*, tariffa tal-MFSA u tal-MBR fuq tali preżentata, l-użu ta' *registered office* mis-snin 2017 sal-2021, preparazzjoni u awditjar ta' *statements* finanzjarji u tariffa għal stħarriġ fuq *anti-money laundering*. L-ammont totali għal dawn is-servizzi li għadu ma' tħallasx huwa dak ta' € 8,424. Ix-xhud elenka ukoll il-fatturi relattivi (esebiti mar-rikors promotur) u esebixxa korrespondenza bejn il-partijiet. Minkejja diversi interpellanzi għall-ħlas lill-intimata din baqgħet inadempjenti u għalhekk ir-rikorrenti ma' kelliex triq oħra ħlief li tipproċedi b'din il-kawża.

2. Minn Dok CD2 esebit mill-kumpanija rikorrenti jirriżulta illi l-iktar tlett fatturi antiki, li flimkien jirrappreżentaw l-ammont ta' € 5,982, ġew rikonoxxuti mill-intimata tant illi fl-*email* tagħha tal-24 ta' April 2020 infurmat lir-rikorrenti illi għalkemm kellha kull intenzjoni li tħallas f'dak l-istadju hija ma' setgħetx tagħmel hekk minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u minħabba li ma' kienetx qed iddaħħal introjtu.

3. L-aħħar fattura, u ċioe dik tal-1 ta' Awwissu 2020 turi illi l-kumpanija rikorrenti kompliet taqdi dmirha lill-intimata f'dak li għandu x'jaqsam *registered office services*, *anti-money laundering vetting* u l-abbozzar u preżentata ta' *annual returns*, u dan minkejja li kif ingħad l-intimata ma' kienetx qed tħallas lill-istess kumpanija minħabba s-sitwazzjoni li kienet fiha.

4. Fis-seduta tat-8 ta' Frar 2023, li kienet riservata għall-provi tal-intimata, il-kuratur deputat intimat ma' ressaq l-ebda provi iżda minflok ippreżenta nota b'kopja ta' korrespondenza li kellu mal-istess intimata bil-lingwa Taljana. Minnha jirriżulta illi l-Avukat Dr. Bonnici qeda dmiru bl-aħjar mod possibbli billi pprova jikkommunika mal-intimata kemm permezz ta' ittra (datata 7 ta' Ottubru 2022) u kif ukoll permezz ta' *email* mibgħuta lejlet is-seduta tat-8 ta' Frar 2023. Madanakollu huwa ma'

---

[4] Fol 40-41

rċievha l-ebda risposta mill-intimata għat-talbiet tiegħu sabiex tipprovdilu l-informazzjoni kollha meħtieġha sabiex jippreżenta d-difiża tagħha.

5. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tara li l-intimata m'għandhiex x'difiża xi tressaq u *di piu'* r-rikorrenti ressqet provi suffiċjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha.

**Deċiżjoni**

6. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**
    1. **tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' tmient elef erba' mija u erbgħa u għoxrin euro (€ 8,424) rappreżentanti l-ammonti hekk kif deskritti fir-rikors promotur,**
    2. **tikkundanna lill-intimata tħallas din is-somma lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-effettiv pagament,**
    3. **tikkundanna lill-intimata tħallas ukoll l-ispejjeż ta' din il-kawża.**

**Tordna ukoll il-ħlas tad-drittijiet tal-Kuratur Deputat skond il-liġi.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur